MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' April, 2014

Avviz Numru. 26/2013

**Marsovin Limited (C115)**

**vs**

**Roger Attard**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar 2013 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) bilanc ta' somma akbar mislufa lilu abbazi tal-kuntratt datat 5 ta' Lulju 2011, liema bilanc minkejja d-diversi interpellanzi ghall-hlas, baqa' ma thallasx (vide Dok A anness).

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat skond riferta posittiva tal-Marixxal John Francica datata 2 ta' Dicembru 2013 fejn thalliet kopja tar-rikorsu tal-avviz tas-smiegh fl-indirizz tal-konvenut kif moghti fir-rikors promotur tas-socjeta attrici, fil-Kunsill Lokali ta' San Gwann kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Gwann (fol. 19 tergo).

Rat illi l-konvenut gie wkoll notifikat bir-rikors promotur permezz ta' publikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern nhar it-12 ta' Dicembru 2013 (fol 18) u fil-gazzetta lokali l-Orizzont nhar l-14 ta' Marzu 2014 (fol 24).

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2014 il-konvenut gie msejjah izda ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Rat illi l-prokuratur legali tas-socjeta' attrici pprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut dakinhar tat-2 ta' April 2014.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' April 2014 il-konvenut ma deherx ghas-subizzjoni tieghu sabiex iwiegeb id-domandi attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u l-interessi mid-data tan-notifika tar-rikors promotur.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------